**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Sportingbet PLC, Internet Opportunity Entertainment Ltd

*Konvenuti:* Santa Casa da Misericórdia de Lisboa, Sporting Club de Braga, Sporting Club de Braga — Futebol, SAD

**Domandi preliminari**

1) Peress li l-Istat Portugiż ma informax lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-regoli tekniċi li jinsabu fid-Digriet-Liġi Nru 442/89, tat-2 ta' Diċembru tali regoli — b'mod iktar speċifiku, l-[...]Artikoli 3 [bir-redazzjonijiet indikati] u 9 — għandhom jitqiesu li ma humiex applikabbli, inkwantu dan in-nuqqas ta' applikabbiltà tista' tiġi invokata mill-individwi?

2) Peress li l-Istat Portugiż ma informax lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-regoli tekniċi li jinsabu fid-Digriet-Liġi Nru 282/2003, tat-8 ta' Novembru, dawn ir-regoli — b'mod iktar speċifiku, l-[...]Artikoli 2 u 3 — ma għandhomx jiġu applikati għall-persuni li jipprovdu servizzi fil-Portugall?

---

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' April 2019 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**

**(Kawża C-276/19)**

(2019/C 206/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. X. P. Lewis, J. Jokubauskaitė, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li billi introduċa miżuri ġodda ta' simplifikazzjoni li estendew ir-rata zero u l-eċċezzjoni għar-rekwiżit normali ta' żamma ta' reġistri tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud previst mit-Terminal Markets Order 1973 inizjali mingħajr ma applika mall-Kummissjoni bil-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE [1] tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT";

— tikkundanna lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Fit-28 ta' Diċembru 1977, ir-Renju Unit innotifika miżuri speċjali li kienu jinkludu l-Value Added Tax (Terminal Markets) Order 1973 li jippermetti li, taħt ċerti kundizzjonijiet, kuntratti ta' xiri fil-futur ta' prodotti jiġu nnegozjati f'ċerti swieq fir-Renju Unit mingħjr VAT u mingħajr ir-rekwiżit ta' żamma ta' reġistri tal-VAT.

Il-Value Added Tax (Terminal Markets) Order 1973 ġie emendat diversi drabi sabiex numru ta' swieq ta' prodotti li ma kinux elenkati fin-notifika oriġinali jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

Il-Kummissjoni tallega li l-emendi għall-Value Added Tax (Terminal Markets) Order 1973 jestendu l-portata tad-deroga oriġinali li r-Renju Unit kien innotifika fl-1977. Dawn kellhom għalhekk jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT, iżda dan ma seħħx.

---

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Napoli (Italia) fit-3 ta' April 2019 — YT et vs Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca; Ufficio Scolastico Regionale per la Campania**

**(Kawża C-282/19)**

(2019/C 206/41)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Napoli.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* YT *et*

*Konvenuti:* Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca; Ufficio Scolastico Regionale per la Campania.

**Domandi preliminari**

1) It-trattament differenti rriżervat biss għall-għalliema tar-reliġjon Kattolika bħalma huma r-rikorrenti, jikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon, fis-sens tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tad-Direttiva 2000/78/KE ([1]), jew il-fatt li t-titolu ta' kapaċità li għandu l-ħaddiem jista' jiġi rrevokat jikkostitwixxi ġustifikazzjoni xierqa għaliex huma biss l-għalliema tar-reliġjon Kattolika, bħalma huma r-rikorrenti, li jiġu ttrattati b'mod differenti mill-għalliema l-oħra, billi ma jibbenefikawx mill-ebda waħda mill-miżuri ta' prevenzjoni previsti fil-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP ([2])?

2) Jekk jiġi kkunsidrat li hemm diskriminazzjoni diretta, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78/KE, ibbażata fuq ir-reliġjon (Artikolu 1), kif ukoll fis-sens tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandha ssir domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-istrumenti li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-qorti adita sabiex telimina l-konsegwenzi ta' din id-diskriminazzjoni, inkunsiderazzjoni tal-fatt li l-għalliema kollha għajr l-għalliema tar-reliġjon Kattolika bbenefikaw mill-pjan ta' reklutaġġ straordinarju previst fil-Liġi Nru 107/2015, billi kisbu l-ħatra bħala uffiċjal permanenti tagħhom u, għalhekk, kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat; konsegwentement, għandha l-qorti adita tiddeċiedi fis-sens li tistabbilixxi relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat mal-amministrazzjoni konvenuta?